# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LLD.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru,2000 .**

**Avviz numru : 38/2000G2(PC)**

**Martin Vella .**

**VS**

**Domenico Savio sive Savio Spiteri.**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hames mitt lira maltin (LM500) dovuti lilu, liema somma kienet giet mislufa lilu fuq diversi oggetti nkluzi salott, coffee table, fridge u cooker u washing machine, bil-kundizzjoni illi jekk huwa ma jhallasx fi zmien qasir, l-attur ikollu d-dritt illi jiehu minn ghandu b'titolu ta' bejgh l-imsemmija oggetti bi hlas tas-somma ta' hames mitt lira Maltin fuq imsemmija . Izda peress illi l-istess oggetti prezentament jinsabu maqbuda permezz ta' Mandati ta' Qbid, l-attur qieghed permezz tal-prezenti procedura jesigi l-hlas tad-debitu tieghu fi flus kontanti .**

**Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghaxijiet skond il-ligi .**

**U bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut u semghet lill-istess konvenut jammetti t-talba fl-udjenza tal-lum . Il-Qorti ghal hekk, u in vista ta' din l-ammissjoni, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez tal-kawza u bl-imghaxijiet skond il-ligi, kontra l-konvenut .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .

Si3500Pc
210